# *Mitt Sena ta' Festi*

Mitt sena ilu, l-festa b'ġieh il-Madonna tal-Karmu kienet ġa waħda mill-festi l-aktar popolari fil-gżira. Dak iż-żmien in-numru ta' festi kien anqas f'Malta, imma l-festi kienu tassew festi bis-sehem tal-poplu u b'ħidma kbira ta' l-attivisti li jaħdmu għal festa. Dan ma ngħiduhx għaliex il-lum ma għandhomx isiru wkoll festi kbar, iżda għal dawk iż-żminijiet biċ-ċirkustanzi kollha ta' l-epoka, kienu tassew festi kbar.

Min iqalleb il-ġrajjiet ta' l-imgħoddi, fil-ġurnali ta' dari kienu jidhru rapporti dwar il-festi, u l-ftit kliem li bih kienu jkunu deskritti, wkoll jurik l-entużjażmu li bih kienu jkunu ċelebrati. L-attivisti kienu minn l-għada tal-festa, jaħsbu għal dik ta' sena wara. Kien żmien, mitt sena ilu meta minħabba l-opri fil-Knejjes li kienu jsiru ta' kull sena, kien trawwem fostna għatx għal opri ta' l-arti. U kien hawn nies ta' snajja verament jafu jippreżentaw opri artistiċi ta' klassi li tagħmel unur lill-pajjiż.

Il-festa li saret fl-1885 kienet waħda kbira. Bla dubju kienet ċelebrata fil-JUM għażiż taha – nhar is-**16 ta' Lulju.** Dak iż-żmien taħt il-ħakma Ingliża ma kien hawn ebda impediment meta l-festa tista ssir u l-jiem tal-festi esterni u nterni kienu l-akbar turijiet ta' qima u ferħ tal-beltin devoti tal-Karmnu. B'tifħir tissemma l-Mużika tal-Maestro Nani fil-jiem tal-Festa, u l-predikaturi kemm tal-jiem ta' thejjija kif ukoll tal-paneġiriċi kienu jiġu magħżula apposta b'attenzjoni. Kien infatti f'dik is-sena għamel paneġierku u l-Papas tal-Griegi Schiro, u wara nofs in-nhar sar l-ieħor bil-Malti minn Patri Elija Zarb tal-Karmelitani stess li kien mill-aktar Kommoventi.

Fis-sena ta' qabel, ċioe fl-1885, il-priedki tan-Novena kienu saru minn Patri Egidio M.O. Il-mużika tan-novena kienet minn Maestro Perez. Filwaqt li dik tal-jiem tal-festa esegwita b'tant maestrija minn Dottor Paolo Nani li allura kellu mużikanti bla għadd fosthom uħud l-aktar magħrufa. Fil-jum tal-festa Mro. Nani jingħad li żanżan "Domine Deus" b'mużika tiegħu stess li kienet esegwita mit-tenur magħruf – Adamo –.

Il-paneġiriċista, kif kienet l-użanza kien jinġieb minn barra xi oratur magħruf, hekk allura inġieb il-Patri Augusto Karmelitan minn Civitavecchia fl-Italja u ġew bosta nies jisimgħu l-kelma tiegħu. Wara nofs in-nhar bħas-soltu kien isir wkoll paneġierku ieħor bil-Malti, u dan sar minn Dun Giovanni Maria Tabone, predikatur magħruf ta' dak iż-żmien.

Il-festi f'dik is-sena kienu ċelebrati minn Mons. Buhagiar li kien Isqof Kapuċċin. Għal dawk iż-żminijiet, meta l-isqfijiet ma tantx kienu jattendu spissi bħal dawn iż-żminijeit fil-festi titulari kienet ġrajja li tkompli tkabbar il-festa. Tant li meta ntemm kollox in-nies wasslu lill-Arċisqof sal palazz tiegħu b'dimostrazzjoni kbira u bil-gassijiet jixgħelu. Kienet manifestazzjoni oħra li wriet l-entużjażmu tal-festi.

F'dik is-sena il-beltin kienu wisq aktar ferħanin għaliex kienu raw l-istatwa sabieħa tal-Verġni Mbierka tal-Labtu Mqaddes, imqegħda taħt pavaljun rikk, il-ġmiel tiegħu. Kienet ħaġa ġdida u għad-dehra tal-Madonna taħt dak il-mant aħmar, il-qlub tad-devoti aktar tkebbset. Kien opra ġdida li saret bi tħabrik kbir tal-pirjol ta' dak iż-żmien, Patri Pace Karmelitan. Il-pavaljun xogħol tal-bellus imżewwaq bi frenez u galluni tal-ħajt tad-deheb b'kuruna 'il fuq artistika u b'żewġ anġli jżommu iż-żewġ naħat. Jiena nifhem li dan huwa l-istess pavaljun li għadna naraw illum isebbaħ ix-xbiha għażiża u devota tal-Madonna. Iva għal issa jidher li minħabba t-trabijiet u x-xogħol fil-knisja ma hux qed jitqiegħed iżda rridu naħsbu li mhux fil-bogħod il-jum li d-dehra tal-Madonna tkun bħal dik ta' mitt sena ilu, meta id-devoti tgħaxxqu jaraw f'dan is-Santwarju l-Madonna mqegħda taħt il-bellus aħmar f'idejn l-anġli mill-ġdid, dik l-opra li għaliha ikkontribwew tant devoti ta' mitt sena ilu li żgur jinsabu jgawdu lill-Madonna fis-sema.

**Lorenzo Zahra 19/5/86**